# FIL-PRIM AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn, 12 ta' Frar, 2024.

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 280/2022 ISB**

**Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M)**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**Rikors** ta' **Jomic Calleja Maatouk**, li permezz tiegħu, talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara:

1. *Il-Ligi dwar id-disclosure fil-Kap 9, senjatament Art. 534AF tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tipprovdix ghal mekkanizmu indipendenti sabiex jigi mistharrag minn*

*awtorita' indipendenti bhal Qorti, specjalment f'kazijiet meta ikun hemm allegat intelligence, illi Qorti tiddetermina jekk xi haga tikkostitwix intelligence u/jew materjal tal-kaz li titqies li hija evidenza ammissibbli, izda thalli f'idejn il-Pulizija u/jew l-Avukat Generali illi jiddeterminaw dak li jikkostitwixxi prova ammissibbli o meno meta huma partijiet interessati fil-kawza kontra l-istess esponent qua akkuzat u ghaldaqstant meta jsir tali determinazzjoni hemm vested interest car li jwassal ghal kunflitt t'interess u konsegwentement lezjoni tad-dritt fundamentali tal-esponent kif sancit fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif sancit ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex ma tigix salvagwardjata l-parita` tal-armi u bhala konsegwenza d-dritt ta' smiegh xieraq;*

2. *Illi jigi dikjarat illi bhala konsegwenza l-esponent sofra lezjoni tad-dritt fundamentali tieghu kif sancit fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex ma tigix salvagwardjata l-parita` tal-armi u bhala konsegwenza d-dritt ta' smiegh xieraq;*

3. *Illi l-esponent ghandu jinghata rimedju effettiv sabiex ma jkunx pregudikat fil-kawza kriminali fl-ismijiet is-Supretendent George Cremona u l-Ispettur Omar Zammit vs Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M), liema proceduri qed jinstemghu quddiem il-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech;*

4. *Illi l-esponent ghandu jinghata kumpens adegwat ghal tali ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu;*

5. *Illi tali kumpens ghandu jigi likwidat favur l-esponent;*

6. *Illi sakemm l-investigazzjonijiet illi allegatament skond il-Pulizija ghadhom ghaddejjin dwar min kien id-destinatarju tal-isplussiv in kwistjoni, il-proceduri kontra l-esponent jigu sospizi ghaliex tali investigazzjonijiet jistghu jiskagunaw lill-esponent;*

7. *Illi sakemm jisntemghu l-lanjanzi tal-esponent kif hawn fuq premessi l-esponent jitlob illi bhala interim measure dina l-Onorabbli Qorti tordna illi l-proceduri kriminali fl-ismijiet is-Supretendent George Cremona u l-Ispettur Omar Zammit vs Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M) jieqfu sakemm tigi deciza dina l-kawza sabiex l-esponent ma jkomplix jigi pregudikat kif premess, b'dan illi jista' jkun hemm materjal li ma tqiesx bhala rilevanti mill-Prosekuzzjoni u ma ingabx favur l-esponent, b'mod illi l-esponent mhux f'posizzjoni li jaghmel id-difiza tieghu b'mod shih;*

8. *Taghti dawk id-direttivi ohra li dina l-Onorabbli Qorti tista' tqis li jkunu xierqa u opportuni.*

U dan wara illi ppremetta:

1. *Illi l-esponent bhalissa qed jiffaccja proceduri kriminali fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, fl-ismijiet is-Supretendent George Cremona u l-Ispettur Omar Zammit vs Jomic Calleja Maatouk (K.I. 565185M), liema proceduri qed jinstemghu quddiem il-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech, u qeghdin fl-istadju tal-provi tad-difiza, bis-seduta li jmiss qeghda ghal 31 ta' Mejju 2022;*

2. *Bhala sfond qasir, l-esponent kien tressaq b'arrest fil-10 ta' Marzu 2020 talli fost ohrajn:*

   *Bil-hsieb li taghmel delitt cioe li ddahhal f'Malta porvli tal-isparar jew esplozivi ohra, minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghek u dan bi ksur ta' Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali u Artikolu 3(1) ta' l-Ordinanza dwar l-Esplozivi;*

   *Zdiedu ukoll xi akkuzi godda matul il-proceduri kif irrizulta mill-process;*

3. *Illi l-esponent qed iressaq dan ir-rikors ghaliex jilmenta illi hemm ksur ta' parita` ta' armi u konsegwentement dan iwassal ghal nuqqas ta' smiegh xieraq kif se jigi spjegat;*

4. *Illi l-esponent qed jiffaccja akkuzi li jistghu jwasslu ghal piena ta' habs effettiv;*

5. *Illi jidher li l-Pulizija irceviet allegat intelligence li skattat l-investigazzjoni taghha u eventwalment dan, u fatti ohra li hargu bhala konsegwenza tal-istess, waslu sabiex infethu l-proceduri kriminali odjerni kontra l-esponent;*

6. *Illi l-esponent talab fost ohrajn referenza Kostituzzjonali liema talba giet michuda mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali permezz ta' digriet datat l-4 t'April 2022;*

7. *Illi l-lanjanza tal-esponent mhijiex wahda frivola u/jew vezzatorja ghaliex il-lanjanza tal-esponent tikkonsisti fil-fatt illi l-Artiklu 534AF tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li tirregola disclosure tal-materjal tal-kaz, ma tipprovdix ghal certu safeguards kif se jigi spjegat;*

8. *Illi l-esponent umilmenti isostni li huwa potenzjalment ma nghatax disclosure tal-materjal kollu tal-kaz a konoxxenza tal-Prosekuzzjoni, u dan, mhux ghax il-Pulizija naqset milli tipprovdi nformazzjoni b'xi malafede. Il-lanjanza tal-esponent tohrog mill-fatt illi d-determinazzjoni ta' dak li jitqies li huwa intelligence jew le u dak li jista' jigi konsegwentement disclosed bhala evidenza, tali determinazzjoni, fl-umli fehma tal-esponent, ma tistax issir mill-istess enitita' u/jew awtorita` li hija parti fil-kawza u li qed tipprova tressaq provi sabiex l-esponent jinstab hati u ghalhekk ghandha vested interest. Konsegwentement hemm bizgha ta' kunflitt ta' interess li jista' jwassal mhux biss li ma ssehhx gustizzja mal-esponent izda li lanqas tkun qed tidher li qed issehh[1];*

[1] Lawrence Grech et vs L-Avukat Generali et, Qorti Kostituzzjonali, Deciza 7 ta' Marzu 2017, Rikors 37/2015;

9. *Dan jista' jigi spjegat u delinejat b'mod aktar car bis-segwenti:*

   *…in systems where the prosecuting authorities are obliged by law to take into consideration both the facts for and against the suspect,* ***a procedure whereby the prosecuting authorities themselves attempt to assess what may or may not be relevant to the case, without any further procedural safeguards for the rights of the defence, cannot comply with the requirements of Article 6(1);***[2]

10. *Fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022 l-esponent kien ghamel kontro-ezami tas-Supretendent George Cremona, wiehed mill-ufficjali prosekuturi f'dan il-kaz. Fil-bidu l-esponent tramite l-avukat tieghu prova jistaqsi xi mistoqsijiet dwar kif kienet ingabet certa informazzjoni minn fuq 'l hekk imsejha Dark Web. Is-Supretendent Cremona indika li dak mistoqsi huwa rrilevanti u l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif presjuda qablet li jekk din hija intelligence allura s-Supretendent ma jistax jixhed fuq l-istess.*

    *L-esponent umilment hass illi, kif spjegat f'premessa 7 u 8, id-drittijiet tal-esponent setghu qed jigu lezi kif premess qabel u kif se jigi spjegat aktar isfel u intavola rikors f'dan is-sens fil-11 ta' Marzu 2022. Fir-risposti u/jew noti tal-Kummissarju tal-Puizija u tal-Avukat Generali, rispettivament datati l-21 ta' Marzu 2022 u s-17 ta' Marzu 2022, li huma simili hafna ghal xulxin, jinghad illi:*

    *Illi jibda biex jinghad illi l-esponent…diga xehdu fit-tul u ssostanzjaw id-dettalji partikolari kollha ta' relevanza investigattiva ma' dan il-kaz fil-mori tal-kawza, ghajr dak illi huma prekluzi jew ezentati milli jiddikjaraw…*[3]*.*

    *Illi l-punt huwa proprju dan, illi min qed jiddetermina x'inhu ta' rilevanza o meno u konsegwentement x'jitqies jew le li*

[2] Natunen v. Finland, 47-49 u Matanovic v. Croatia 158, 181-182 - 'Right to a fair trial (criminal limb)' – Updated on 31 December 2021 – a fol 36, para 177 tieni parti (pdf document) – European Court of Human Rights
[3] Tielet paragrafu tan-Nota tal-Kummissarju tal-Pulizija; tielet paragrafu tar-risposta tal-Avukat Generali

*huwa intelligence u x'jitqies li huwa disclosable u ammissibbli o meno, bhala materjal tal-kaz favur jew kontra akkuzat (l-esponent), hija l-istess parti li qed tipprosekwixxi u li ghandha vested interest li jwassal ghal kunflitt ta' interess bhala l-entita' li qed tmexxi l-kawza kontra l-istess esponent. Dan jghodd ukoll ghall-ezercizzju ta' dik l-informazzjoni li tali entitajiet iqisu li huma prekluzi jew ezenti milli jiddikjaraw;*

11. *L-Artiklu 534 AF tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregola id-disclosure ma jipprovdix mekkanizmi independenti (kif anki jigri f'pajjizi ohra fejn ikun hemm smiegh appozitu ghal dak li huwa materjal tal-kaz li jitqies disclosable jew le quddiem Qorti indipendenti) sabiex ikun mistharreg dak li jista' u ma jistax jigi disclosed specjalment f'kazijiet fejn hemm dak li 'jitqies' li jista' jkun intelligence o meno;*

12. *Ghanda tkun Qorti li f'ezercizzju tant delikat li ghandha tistharreg/tqis/tipprocessa x'inhu u x'mhuwiex intelligence u konsegwentement x'jista' u ma jistax jintuza bhala prova pro jew kontra l-akkuzat wara li l-istess tkun qieset u rat hi dawk il-materjali tal-kaz li qed jitqiesu li jaqghu taht intelligence ghax l-istess jaf ma jkun intelligence xejn izda materjal tal-kaz li huwa utli bhala prova favur l-esponent;*

13. *Fil-fatt jinghad illi:*

*In many cases where the evidence in question has never been revealed, it would not be possible for the Court to attempt to weigh the relevant interest involved against that of the accused without having sight of the material. It must therefore scrutinise the decision-making procedure to ensure that, as far as possible, it complied with the requirements to provide adversarial proceedings and equality of arms and incorporated adequate safeguards to protect the interests of the accused (Dowsett v. the United Kingdom, @42-43; Leas v Estonia, @78).;*

*L-esponent jiehu bhala ezempju l-kaz fejn qabel kien l-Avukat Generali li kien jiddetermina fid-diskrezzjoni tieghu jekk akkuzat jigiex gudikat mill-Qorti tal-Magistrati jew*

*inkella mill-Qorti Kriminali per ezempju fil-kazijiet ta' traffikar ta' droga. Din il-Qorti kien rat li ma kienx hemm parita` ta' armi f'dak il-kaz u l-Ligi inbiddlet biex decizjoni bhal dika ma tibqax diskrezzjonali ghall-Avukat Generali li hu parti fil-kawza, imma minn Qorti Superjuri indipendenti. L-istess f'dan il-kaz: m'ghandiex tkun il-Prosekuzzjoni li tiddetermina x'inhu relevanti u x'mhux jew x'ghandu jigi disclosed jew le.*

*L-esponent umilment jippremetti illi huwa rinfaccat bi pregudizzju potenzjali ghaliex hemm evidenza li setghet kienet ammissibbli, izda ma tressqitx ghax fil-fehma tal-Pulizija u/jew l-Avukat Generali taqa' taht intelligence hekk kif interpretat minnhom. Ma jistax ikollok parti interessata fil-kawza, il-prosekuzzjoni, li tkun hi stess li tiddetermina x'jitiqes li huwa intelligence u ghalhekk mhux ammissibbli, meta tali gudizzju huwa vvizjat minn vested interest dirett u/jew indirett li jwassal ghal kunflitt t'interess. Illi irid jigi puntwalizzat li d-disclosure ta' tali evidenza mhijiex biss sabiex tinkrimina l-esponent imma potenzjalment tista' sservi bhala prova favurih. Allura ma tibqax biss kwistjoni ta' xi haga li mhijiex sostanzjata bil-provi fl-atti u konsegwnetment ma tistax taghmel stat fil-konfront tal-akkuzat ghax jista jkun li hemm materjal u informazzjoni favur l-akkuzat li qatt ma se titressaq bhala prova ghax tqieset bhala mhux relevanti mill-Pulizija u/jew Avukat Generali. B'hekk l-imputat ikun sofra pregudizzju rrimedjabbli billi tali materjal u eventwalment provi favur l-esponent, a bazi ta' decizjoni tal-Prosekuzzjoni u/jew l-Avukat Generali (parti interessata fil-kawza kriminali) ma jkunux tressqu anku favur l-esponent;*

*Illi l-Qorti tal-Magistrati fid-digriet taghha tal-4 ta' April 2022 argumentat illi din l-informazzjoni (hekk imsejjha intelligence) qatt ma tista tinkrimina lill-esponent kemm il-darba dina ma tingibx bhala prova quddiem il-Qorti u tibqa' irrilevanti. Izda d-domanda tibqa' - x'kien relevanti li gie ommess li ma giex disclosed u li seta kien prova ammissibili u rilevanti, kieku jigi ezaminat minn parti li mhux il-parti interessata fil-kawza.*

14. *Dan jiehu sfond aktar importanti fid-dawl tal-fatt illi:*

*The relevant evidence in this context is not only evidence directly relevant to the facts of the case, but also other evidence that might relate to the admissibility, reliability and completeness of the former (Rowe and Davis v. the United Kingdom [[GC], @66; Mirilashvili v. Russia, @200; Leas v. Estonia, @81; Matanovic v. Croatia, @161).*[4]

*L-esponent umilment jippremetti, illi fid-dawl ta' dan, hu m'ghandhux il-serhan tal-mohh illi apparti evidenza (bhala materjal tal-kaz) direttament relevanti mal-kaz, kien hemm evidenza ohra li taf torbot mal-ammissibilita` u kompletezza tal-evidenza direttament marbutin mal-fatti tal-kaz.*

Rat id-digriet tagħha tal-1 ta' Ġunju 2022 li permezz tiegħu l-kawża ġiet appuntata għall-24 ta' Mejju 2022 fl-10:30a.m.

Rat ir-**Risposta** tal-intimati **Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat** intavolata fit-22 ta' Ġunju 2022 (fol 8) li permezz tagħha eċċepew:

1. *Illi permezz tar-rikors promotur, ir-rikorrent qiegħed jallega li l-Artikolu 534AF tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix għal mekkaniżmu indipendeti sabiex jiġi mistħarreġ jekk allegata intelligence fil-pussess tal-Prosekuzzjoni hijiex evidenza ammissibbli u li, skond hu, din id-determinazzjoni ssir mill-istess Prosekuzzjoni u għalhekk hemm lok ta' kunflitt ta' interess biex b'hekk, skond ir-rikorrent, hemm ksur tad-dritt fundamentali tiegħu għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

2. *Illi preliminarjament, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'dawn il-*

[4] 'Right to a fair trial (criminal limb)' – Updated on 31 December 2021 – a fol 36, para 176 (pdf document) – European Court of Human Rights

*proċeduri u **għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju**.*

3. *Illi qabel ma jiġi indirizzat l-ilment fil-mertu, għandha tiġi indirizzata s-seba' (7) talba tar-rikorrent peress li permezz tagħha, ir-rikorrent qiegħed jitlob il-ħruġ ta' **miżura provviżorja**. L-esponenti qegħdin jopponu għall-ħruġ ta' rimedju provviżorju u qegħdin jagħmlu s-segwenti kunsiderazzjonijiet.*

*Illi fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrent li juri li (a) għandu dritt prima facie li nkiser; u (b) ħsara rrimedjabbli f'kaz li ma tinħariġx il-miżura provviżorja. Illi dawn iż-żewġ rekwiziti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrent tiġi milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Illi fir-rikors in risposta, ir-rikorrent imkien ma jfisser x'inhu d-dritt prima facie tiegħu. L-esponenti jirrilevaw li l-miżura provvizorja qiegħdha tintalab f'kuntest ta' kawża kostituzzjonali li r-rikorrent istitwixxa fejn qiegħed jallega ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni madanakollu fil-prattika mhux qiegħed jagħti raġunijiet kif it-tkomplija tal-proċeduri kriminali b'xi mod ser jilledulu d-drittijiet fundamentali tiegħu. Ċertament li l-intavolar ta' talba għal miżura provvizorja ma għandhiex tintuża sabiex persuna tittanta xortiha sabiex jeħles mis-smigħ ta' kawża kriminali. Tali talba hija eċċezzjonali u tintuża biss jekk hemm kwistjonijiet li jinvolvu allegazzjoni ta' leżjoni ta' dritt tal-ħajja kif protett bl-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni, jew ta' tortura kif protett bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni. Ċertament li f'dan il-kuntest ma jirriżulta xejn minn dan u li t-tkomplija tas-smigħ tal-kawża kriminali in konfront tar-rikorrent ċertament mhux ser jissarfu fi ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Lanqas ma wera l-ħsara rrimedjabbli li tiġġustifika l-ħruġ ta' miżura provvizorja.*

*Bħala prinċipju ta' dritt, l-għoti ta' rimedju provviżorju m'għandiex tkun ir-regola kull meta jkun hemm allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem, tkun xi tkun. Pjuttost bil-kontra, rimedji*

*provviżorji għandhom jingħataw **biss** f'każijiet estremi u eċċezzjonali. Hekk per eżempju, l-awtriċi **Karen Reid** fil-ktieb tagħha, **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights** tgħid:*

*"As a general practice, (interim) measures are applied only when there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm to life and limb (cases under article 2 and 3) … Matters of detention or interference with property, for example are not regarded as necessating interim measures."*

*Dan il-prinċipju huwa mħaddan sew fil-ġurisprudenza tagħna. Hekk per eżempju fil-provvediment mogħti fl-ismijiet **Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali**,[5] il-Qorti Kostituzzjonali osservat:*

*"li f'materja tal-hekk imsejħa interim measures huwa ċar l-insenjament ta' din il-Qorti li tali miżuri għandhom jittieħdu biss f'każijiet ta' urġenza u saħansitra f'każijiet ta' "urġenza estrema" fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jazzarda li jirriżulta, fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jeħtiġilha tagħmel. (Ara Q. Kost. **Joseph Camilleri v. Avukat Ġenerali**, 1/7/2013, li ċċitat b'approvazzjoni mill-ktieb "**Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" ta' Van Dijk et** (4 ediz. 2006, paġna 113)). Din il-Qorti rriteniet ukoll li miżuri ad interim huma indikati f'każijiet eċċezzjonali. (Ara Q. Kost. **Joseph Ruggier et v. Joseph Olivier Ruggier et**, 22/8/2005 #7, #11 [Q.Kost. **Federation of Estate Agents v. Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni)**, deċiża 25 ta' Settembru 2014]"*

*Huwa paċifiku li sabiex jingħata rimedju provviżorju, irid jintwera li hemm riskju **imminenti u reali** fuq il-persuna li tkun qed titolbu (ara inter alia **Edward Cassar vs. Avukat Ġenerali et** maqtugħa mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Frar 2016, **Martin Dimech vs. Avukat Ġenerali** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-17 ta' Settembru 2013 u **Daniel Alexander Holmes vs.***

[5] *Angelo Frank Paul Spiteri vs. L-Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fid-9 ta' Jannar, 2017.

***Avukat Ġenerali et*** *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-16 ta'April 2014).*

*Istanzi fejn talbiet għal rimedju provviżorju ġew miċħuda jinkludu: talbiet għas-sospensjoni ta' ġuri sakemm tiġi deċiża kawża kostituzzjonali,[6] talba għas-sospensjoni ta' ordni ta' tneħħija[7] u talbiet għal skarċerazzjoni mill-ħabs sakemm jinqatgħu kawżi kostituzzjonali.[8]*

***Il-każ odjern assolutament mhuwiex wieħed ta' urġenza estrema****. Ir-rikorrent qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali u qiegħed iressaq id-difiża tiegħu. Ċertament ma hemm ebda riskju ta' ħsara rreparabbli għall-persuna tiegħu bil-fatt li l-proċeduri penali istitwiti kontrih jitkomplew.*

***Konsegwentement, din it-talba għandha tiġi miċħuda****.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, u* ***fil-mertu****, huwa paċifiku li f'analiżi ta' allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq, wieħed għandu jqis il-proċeduri fit-totalità tagħhom u mhux aspett partikolari f'iżolament. Fil-kawża* ***Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit****[9] ġie ritentut:*

*"250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right.* ***However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case*** *(see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007-III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fairness of the criminal proceedings (see, among many other authorities, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

---

[6] Ara *Joseph Camilleri vs. Avukat Ġenerali*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fl-1 ta' Lulju, 2013 u *Rosario sive Sario Sultana vs. Avukat Ġenerali et*, Qorti Kostituzzjonali mogħti fis-27 ta' Frar, 2017.

[7] Ara *Stephen Nana Owusu vs. Kummissarju tal-Pulizija bħala Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni et*, Qorti Kostituzzjonali, mogħti fit-13 ta' April, 2018.

[8] Ara *Daniel Alexander Holmes vs. Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fis-16 ta' April, 2014, *Trevor Bonnici vs. L-Avukat Ġenerali*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali), mogħti fit-30 ta' Mejju, 2016, u *Raymond Mifsud vs. L-Avukat Ġenerali et*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali, mogħti fis-7 ta' Awwissu, 2017.

[9] Ibrahim et vs. Ir-Renju Unit [50541/08 50571/08 50573/08 40351/09], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 13 ta' Settembru, 2016.

*251. Compliance with the requirements of a fair trial* ***must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings*** *(see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gäfgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100).* ***However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole*** *(see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005; and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008)." [Enfasi tal-esponenti]*

5. *Illi fil-każ odjern, ir-rikorrent qiegħed jilmenta li minħabba l-allegat nuqqas ta' disclosure, hemm nuqqas ta' parità fl-armi u li għalhekk, ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Fl-umli fehma tal-esponenti iżda, fid-dawl tal-ġurisprudenza surreferita, l-azzjoni kostituzzjonali li ressaq ir-rikorrent hi waħda prematura. S'issa għadu mhux magħruf jekk, kif u taħt liema ċirkostanzi r-rikorrent ser ikun żvantaġġjat waqt is-smigħ tal-proċeduri kriminali. Għaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha ai termini tal-provisos* ***Artikolu 46(2)*** *tal-Kostituzzjoni u l-****Artikolu 4(2)*** *tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta.*

6. *Illi dwar intelligence, għandu jiġi mfakkar x'inhi n-natura preċiża tagħha. Intelligence mhiex prova jew riżultanzi ta' investigazzjoni. Intelligence hi informazzjoni kunfidenzjali li tottjeni l-Pulizija għall-kxif, prevenzjoni jew investigazzjoni ta' reat. Il-kunfidenzjalità hi aspett fundamentali ta' intelligence tant li fid-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2006/960/ĠAI, l-Artikolu 9 jispeċifika:*

   *"L-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandhom iqisu b'mod xieraq, f'kull każ speċifiku ta' skambju ta' informazzjoni jew intelligence, il-ħtiġijiet ta' segretezza ta' l-investigazzjoni. Għal dak l-għan l-awtoritajiet kompetenti ta' l-infurzar tal-liġi għandhom, skond il-liġi nazzjonali tagħhom,* ***jiggarantixxu l-kunfidenzjalità ta' kull informazzjoni u intelligence provduti determinati bħala kunfidenzjali****." [Enfasi tal-esponenti]*

7. *Illi minħabba n-natura partikolari ta' intelligence,* ***din ma tistax tintuża' bħala prova****. Madankollu, bis-saħħa ta' intelligence, tista' tiskatta u titmexxa investigazzjoni u huwa l-frott tal-investigazzjoni li jikkostitwixxi materjal soġġett għad-disclosure u mhux l-intelligenza li fin-natura tagħha ma tikkostitwix prova.*

   *Tajjeb jingħad ukoll li l-Artikolu 534AF tal-Kodici Kriminali jirreferi għal "evidenza materjali" fil-pussess tal-Pulizija. Intelligence mhijiex evidenza ammissibbli skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali u għaldaqstant ma tinkwadrax taħt evidenza materjali fis-sens tal-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali. Din id-dispożizzjoni fil-Kodiċi Kriminali trasponiet fil-liġi Maltija d-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u dan bis-saħħa tal-Att IV tas-sena 2014.*

8. *Illi huwa f'dan l-isfond li għandu jiġi mistħarreġ l-ilment tar-rikorrent. Bid-dovut rispett, ma hemmx kwistjoni dwar x'jikkostitwixxi intelligence jew le. Jekk il-Pulizija tirċievi intelligence (kemm minn awtoritajiet esteri, kif ukoll minn sorsi lokali), dak hu materjal li ma tistax tesebixxi bħala prova.* ***Ma hemmx proċess, bħal kif qed jinsinwa r-***

***rikorrent, fejn il-Prosekuzzjoni tiddeċiedi hi jekk materja hiex intelligence jew le għaliex ħaġa jew hi intelligence jew mhiex.***

9. *Illi għandu jiġi mfakkar li l-kunċett ta' disclosure ma jagħtix dritt assolut lid-Difiża biex titlob il-materjal kollu fil-pussess tal-Prosekuzzjoni. Id-Difiża għandha dritt għall-**provi rilevanti** għall-każ tagħha. **Ma għandha ebda dritt għall-informazzjoni kunfidenzjali li tirċievi l-Prosekuzzjoni**. Fil-fatt l-Artikolu 534AF jispeċifika kif:*

   *"(2) Il-persuna suspettata jew l-akkużat għandu jkollhom aċċess, mingħajr ħlas, **għall-evidenza materjali** kollha li tinsab fil-pussess tal-Pulizija, kemm jekk hija kontra jew favur l-imsemmijin persuna suspettata jew akkużat, jew lill-avukat tagħhom sabiex tiġi salvagwardjata proċedura ġusta u sabiex jipprepara għad-difiża tagħhom." [Enfasi tal-esponenti]*

10. *Illi l-fatt li disclosure mhuwiex dritt assolut huwa paċifiku. Fejn ikun hemm informazzjoni mhux żvelata lid-Difiża, din għandha tiġi kontro-bilanċjata b'salvagwardji proċedurali. Fis-sentenza ta' **Matanović v. Il-Kroazja**,[10] ġie ritenut:*

    *"152. However, the entitlement to disclosure of relevant evidence is not an absolute right. In any criminal proceedings there may be competing interests, such as national security or the need to protect witnesses at risk of reprisals **or to keep secret police methods of investigation of crime**, which must be weighed against the rights of the accused (see Doorson v. the Netherlands, 26 March 1996, § 70, Reports of Judgments and Decisions 1996-II). In some cases it may be necessary to withhold certain evidence from the defence so as to preserve the fundamental rights of another individual or to safeguard an important public interest. However, only such measures restricting the rights of the defence which are strictly necessary are permissible under Article 6 § 1 (see Van Mechelen and Others v. the*

[10] Matanović v. Il-Kroazja [2742/12], Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, 4 ta' April, 2017.

*Netherlands, 23 April 1997, § 58, Reports 1997-III). Moreover, in order to ensure that the accused receives a fair trial, any difficulties caused to the defence by a limitation on its rights must be sufficiently counterbalanced by the procedures followed by the judicial authorities (see Natunen, cited above, § 40, and Leas, cited above, § 78)." [Enfasi tal-esponenti]*

*Illi fil-każ odjern, l-ilment tal-esponent mhuwiex dwar is-sors ta' xi prova li ġiet esebita fil-proċeduri kriminali, iżda huwa ilment fl-astratt fuq informazzjoni li waslet għand il-Pulizija li lanqas biss tikkostitwixxi prova.*

11. *Illi minn qari tar-rikors, jidher biċ-ċar li r-rikorrent stess lanqas biss huwa konvint li ġie preġudikat. Jirreferi għal kif "huwa potenzjalment ma ngħatax disclosure" jew kif "huwa rinfaċċat bi preġudizzju potenzjali". F'dan l-isfond, l-esponenti ma jistgħux ma jirrimarkawx li dawn il-proċeduri m'għandhomx iservu ta' fishing expedition biex ir-rikorrent jipprova jiskopri informazzjoni kunfidenzjali li lanqas hu stess ma hu konvint dwar l-eżistenza jew l-utiltà tagħha.*

12. *Illi inoltre, fl-umli fehma tal-esponenti, dan ir-rikors huwa wieħed fieragħ u vessatorju bl-iskop ulterjuri li jittawlu għal xejn il-proċeduri kriminali li hemm fil-konfront tar-rikorrent. Dan l-iskop johroġ biċ-ċar meta wieħed jaqra s-sitt (6) talba rikorrenti li permezz tagħha r-rikorrent qiegħed jitlob li l-proċeduri kriminali jiġu sospiżi sakemm il-Pulizija tiskopri min kien id-destinatarju (cioè l-vittma) tal-isplussiv li l-Pulizija interċettat għaliex "jistgħu jiskaġunaw lill-esponent". Bid-dovut rispett, il-Prosekuzzjoni m'għandiex għalfejn tkun taf preċiżament min kien il-vittma biex toħroġ l-imputazzjonijiet li bihom ġie mixli l-imputat u għalhekk joħroġ biċ-ċar li dan ma hu xejn ħlief tentattiv da parti tar-rikorrent biex itawwal b'mod indefinit il-proċeduri kriminali miġjuba kontrih.*

13. *Illi fi kwalunkwe każ, il-pretensjonijiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jistħoqq li jiġu miċħuda fl-intier tagħhom.*

14. *Illi meqjus dan kollu, ir-rikorrent ma ġarrab ebda ksur tad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq u konsegwentement it-talbiet tiegħu għandhom jiġu miċħuda.*

15. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Ġunju 2022, fuq talba tad-difensur tar-rikorrent, il-kawża tħalliet għas-sentenza *in parte* fir-rigward tas-seba' talba magħmula fir-rikors promotur.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha deċiża fit-12 ta' Ottubru 2022 li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet is-seba' talba tar-rikorrenti.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Diċembru 2022, ir-rikorrent ippreżenta nota (fol 35) b'dokument anness (Dok JCM1, fol 36 sa fol 40). Rat ukoll id-dikjarazzjoni tad-difensur tar-rikorrent li m'għandux aktar provi xi jressaq.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2023, xehdet **Stefania Calafato Testa – Assistent Reġistratur tal-Qrati Kriminali** - prodotta mill-intimati li ppreżentat numru ta' dokumenti (Dok SCT1 sa SCT5, fol 46 sa fol 89).

Rat illi fl-udjenza tal-15 ta' Mejju 2023, id-difensur tal-intimati ddikjara li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet estensivi tal-partijiet.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023, għal kull buon fini deher l-Ispettur Omar Zammit illi għarraf lill-Qorti illi r-rikorrenti kien jinsab nieqes mill-gżejjer Maltin u fil-fatt il-Pulizija otteniet *European Arrest Warrant* u *International Arrest Warrant* fil-konfront tiegħu.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2023 wara li trattaw il-kawża, il-partijiet qablu li l-kawża setgħet titħalla għal-lum għad-deċiżjoni.

## Ikkunsidrat:

Illi matul il-proċeduri odjerni ġew imressqa s-segwenti **provi**:

Ir-rikorrenti ppreżenta dokument (Dok JCM1) li jikkonsisti fix-xhieda mogħtija mis-**Supretendent George Cremona** fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jomic Calleja** (Ref 123/2020) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kontenut tal-imsemmija xhieda.

Fix-xhieda tagħha **Stefania Calafato Testa** – Reġistratur tal-Qrati Kriminali - ppreżentat is-segwenti dokumenti mill-proċess tal-kawża fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jomic Calleja** (Ref 123/2020) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja:

Dok SCT1 – Xhieda mogħtija mis-Supretendent George Cremona fl-udjenza tal-14 ta' Frar 2022.

Dok SCT2 – Noti sabiex ikun hemm sfond li jikkonsistu f'rikors tar-rikorrent datat 11 ta' Marzu 2022, ir-risposta tal-Avukat Ġenerali datata 17 ta' Marzu 2022, digriet mogħti mill-Maġistrat preċedenti fil-21 ta' Marzu 2022 u nota tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 21 ta' Marzu 2022.

Dok SCT3 – Transkrizzjoni ta' xhieda tas-Supretendent George Cremona mogħtija fl-24 ta' Marzu 2022 u diskussjoni bejn il-Qorti u d-difensur tar-rikorrent.

Dok SCT4 – Nota ta' Jomic Calleja Maatouk datata 24 ta' Marzu 2022

Dok SCT5 – Digriet finali rigward dak li kien mitlub fuq id-*disclosure* u *intelligence* mogħti mill-Maġistrat preċedenti fl-4 ta' April 2022.

Il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-kontenut tad-dokumenti kollha ppreżentati.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi mis-sottomissjonijiet magħmula mill-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Ir-<u>rikorrent</u> qiegħed jilmenta li minħabba nuqqas ta' *disclosure* potenzjali, hemm nuqqas ta' parità fl-armi u li għalhekk ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

Jispjega li hu ġie akkużat b'assoċjazzjoni u tentattiv fl-importazzjoni ta' splussiv, ta' tentattiv sabiex idaħħal porvli tal-isparar jew esplożivi oħra mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, falsifikazzjoni u użu ta'

dokument falz (minn liema akkuża ġie liberat), reċidività u ksur ta' kundizzjonijiet dwar ħelsien mill-arrest.

Jgħid li fil-mori ta' dawn il-proċeduri, il-proċeduri kriminali ġew konklużi fl-4 ta' Lulju 2023 u r-rikorrenti ġie kkundannat ħames (5) snin ħabs effettivi apparti li ġew revokati żewġ *bails* u ġie ordnat jiddepożita favur il-Gvern ta' Malta s-somma ta' wieħed u ħamsin elf Ewro (€51,000).

Jispjega illi fis-seduta tal-14 ta' Frar 2022, ir-rikorrenti kien għamel kontroeżami tas-Supretendent George Cremona fejn ġie mistoqsi kif inġabet ċerta informazzjoni minn fuq 'l hekk imsejħa *dark web* u l-istess xhud kien indika li dan kien irrelevanti u l-Qorti qablet li jekk kemm-il darba din tikkonsisti f'*intelligence* mela s-Supretendent ma jistax jixhed dwar l-istess.

Konsegwentement jispjega li kien talab *full disclosure* tal-materjal *ai termini* tal-Artiklu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema talba ġiet miċħuda. Jispjega li minn hemm kien talab għal referenza Kostituzzjonali, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati permezz ta' digriet datat l-4 ta' April 2022. Jgħid li għalhekk saru dawn il-proċeduri u fil-frattemp il-kawża quddiem il-Qrati Kriminali ġiet deċiża fl-ewwel istanza iżda tinsab pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontradittturi f'dawn il-proċeduri jsostni li hemm involviment tal-Avukat Ġenerali f'dan il-każ anke ma' dak marbut mal-*controlled delivery*, kif ukoll l-Avukat Ġenerali tkun involuta mal-Pulizija dwar *disclosure* potenzjali li jista' jsir f'dawn it-tip ta' deċiżjonijiet. Jispjega li l-Kummissarju tal-Pulizija għandu jkun parti f'din il-kawża billi hija l-prosekuzzjoni li tmexxi f'ismu li mhux tagħti l-*full disclosure*. Iżid li jeħtieġu jkunu parti f'dawn il-proċeduri minħabba li jekk kemm-il darba din il-Qorti tagħti rimedju ser jaffettwahom direttament.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tal-intimati li l-analiżi tal-allegata leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq għandha ssir billi jitqiesu l-proċeduri fit-totalità tagħhom u li għalhekk din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha *ai termini* tal-proviso tal-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, huwa jgħid li hu minnu li dik hija r-regola ġenerali iżda ma jfissirx li ma jkunx hemm ċirkostanzi li jimmeritaw li d-dritt protett bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jiġi applikat fir-rigward ta' inċidenti partikolari li jkun ġraw fil-mori ta' kawża. Isostni li r-regola ġenerali tgħodd biss sakemm il-parti ma turix li l-episodju jew iċ-ċirkostanza partikolari hija ta' serjetà jew gravità kbira jew qawwija li

twassal għal ksur qabel ma jkun intemm il-proċediment. Jispjega li l-fatt li ma jingħatax informazzjoni jpoġġi lir-rikorrenti fi żvantaġġ sostanzjali vis-a-vis il-prosekuzzjoni u jkun inutli li jistenna li l-proċeduri jiġu fi tmiemhom jekk diġà jaf li minħabba dak in-nuqqas mhux ser ikun f'posizzjoni li jiddefendi ruħu kif suppost. Jikkontendi li n-nuqqas ta' *disclosure* jammonta għal nuqqas ta' parita` fl-armi u li għalhekk ġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

Fil-mertu jgħid li l-intimati ssottomettew li l-investigazzjoni tal-Pulizija skattat wara li l-Pulizija allegatament irċeviet *intelligence* minn barra minn Malta u konsegwentement infetħu proċeduri kriminali li eventwalment wasslu għall-arrest u l-kundanna tar-rikorrent u li hija l-investigazzjoni li tiġi wara li tikkostitwixxi materjal soġġett għad-*disclosure* u mhux l-intelliġenza ottenuta. Jagħmel referenza għad-dottrina msejħa 'The Fruit of the Poisonous Tree doctrine' li tistipula li kwalunkwe evidenza ottenuta b'mezzi llegali mhix ammissibbli, liema dottrina hija applikabbli f'dan il-każ minħabba li l-informazzjoni nġabret fl-Istati Uniti.

Isostni għalhekk li l-kwistjoni tirrigwarda minn fejn ġiet l-*intelligence*, kif ġiet ottjenuta u min ser jiddeċiedi dwarha. Jikkontendi li huwa ma ngħatax *disclosure* tal-materjal kollu tal-każ a konoxxenza tal-prosekuzzjoni u kienet biss il-prosekuzzjoni li ddeċidiet x'inhu rilevanti u liema *intelligence* għandha tingħata u liema m'għandix, l-istess prosekuzzjoni li għandha interess fil-każ. Isostni li din id-determinazzjoni m'għandhiex issir mill-parti interessata jew minn min hu parti fil-kawża minħabba biża ta' kunflitt ta' interess.

Jispjega li l-Artikolu 534 AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdix mekkaniżmu indipendenti, kif jeżisti f'ġurisdizzjonijiet oħra, sabiex ikun mistħarreġ dak li jista' u ma jistax jiġi *disclosed*. Jgħid li għandha tkun Qorti separata li tagħmel dan l-eżami. Isostni li l-argument li l-Qorti tiddeċiedi biss fuq dak li għandha quddiema ma jreġix minħabba li jista' jkun hemm provi li ma jitressqux u li l-Qorti u l-akkużat ma jkunux jafu dwarhom u b'hekk l-imputat ikun sofra preġudizzju rrimedjabbli billi tali materjal u provi ma jkunux tressqu favur l-esponent u b'hekk ikun hemm leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq.

B'referenza għall-proċeduri tal-Istati Uniti tal-Amerika u tal-Olanda li fil-fehma tar-rikorrent għandhom sistema li hija ġusta u ekwa jsostni li l-liġi Maltija hija monka f'dan ir-rispett u hemm *loopholes* lampanti li jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent. Isostni li fil-każ tiegħu n-nuqqas ta'

*disclosure* wassal għal ċirkostanzi fejn ir-rikorrent ma setax jagħmel id-difiża tiegħu kif xieraq.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Min-naħa tagħhom, l-intimati jissottomettu fir-rigward tal-eċċezzjoni li l-intimati l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali mhumiex il-leġittimi kontradditturi - li r-rikorrent qiegħed jattakka l-validità tal-Artikolu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-aġir tal-Avukat Ġenerali jew tal-Kummissarju tal-Pulizija u għalhekk għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

Jikkjarifikaw li Malta ma tħaddanx il-*Fruit of the Poisonous Tree Doctrine* u in sostenn ta' dan jagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Daniel Zammit vs Rocco Bartoluccio** deċiż mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-3 ta' Frar 2020 liema insenjament ġie abbraċċat fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Fabian Fleir et) vs John Mifsud et**.

Jispjegaw li *intelligence* hija forma ta' informazzjoni li fuqha l-Pulizija tinvestiga, imbagħad tressaq il-provi kif xieraq, liema informazzjoni hija protetta anke minħabba s-sors mnejn tkun ġiet. Isostnu li dak li ried ikun jaf ir-rikorrent kien jiżvela x'inhuma l-metodi li jiġi mħaddma kontra l-kriminalità. Jikkontendu li l-korrettezza o meno tal-informazzjoni inizjali hija irrelevanti u dak li jgħodd huma l-provi miġjuba li r-rikorrenti kellu kull opportunità li jikkumbattihom.

Isostnu li l-intenzjoni kemm fid-Direttiva 2012/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2022 dwar id-dritt għall-informazzjoni fi proċeduri kriminali u l-Artikolu 534AF tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta hu li d-*disclosure* jingħata fuq provi materjali u għalhekk la darba *intelligence* ma tikkostitwixxix prova materjali mela allura ma tistax tkun soġġetta għad-*disclosure.* In sostenn ta' dan jirreferu għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Rowe et v. Ir-Renju Unit** deċiża mill-Qorti Ewropea fis-16 ta' Frar 2020, kif ukoll id-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Clayton Azzopardi** deċiża fil-15 ta' Lulju 2016 u kkonfermat mill-Qorti Kostituzzjonali fit-13 ta' Frar 2017.

Jikkontendu li mhuwiex minnu assolutament li l-Artikolu 534AF mhiex waħda tajba u ġusta. Isostnu li f'dan il-każ ir-rikorrenti talab affarijiet li kjarament kienu *intelligence* jew spekula dwar kif setgħu ġraw affarijiet bl-aktar mod vag u nebluż.

Isostnu li fil-prinċipju l-jedd għal smigħ xieraq irid jitqies fit-totalità tal-proċeduri għalkemm huwa konċess li inċident partikolari jista jkun deċisiv u f'dan ir-rigward jirreferu għad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea fl-ismijiet **Ibrahim et v. Ir-Renju Unit** deċiża fit-13 ta' Settembru 2016. Jikkontendu li r-rikorrent naqas milli juri li seħħ inċident ta' tant serjetà li vvjola jew x'aktarx ser jivvjola l-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Oltre minn hekk, isostnu li bl-ebda mod ma ġie ppruvat li kien hemm xi fettur ieħor li ppreġudika l-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq.

## Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi stabbiliti l-fatti u magħrufa s-sottomissjonijiet tal-partijiet għalhekk, il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex teżamina u tiddeċiedi dwar l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati fir-risposta tagħhom:

## <u>L-eċċezzjoni li l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija mhumiex il-leġittimi kontradittūri</u>

L-intimati Kummissarju tal-Pulizija, l-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali fl-ewwel eċċezzjoni tagħhom eċċepew li l-<u>Kummissarju tal-Pulizija</u> u l-<u>Avukat Ġenerali</u> mhumiex il-leġittimi kontradittūri f'dawn il-proċeduri.

L-intimati jsostnu li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju stante li r-rikorrent m'huwiex qed jilmenta mill-aġir tagħhom - iżda qiegħed jattakka artikolu tal-liġi. Min-naħa tagħhom ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali għandhom interess f'dawn il-proċeduri għax ser ikollhom impatt fuq il-proċeduri kriminali fil-konfront tar-rikorrenti u qegħdin jiġu ċitati għall-integrità tal-ġudizzju.

Il-Qorti tibda' biex tagħmel referenza għat-talbiet tar-rikorrent, u l-ewwel talba u dik prinċipali (il-bqija jista' jingħad illi huma konsegwenzjali), hija mfassla tali illi qed titlob lill-Qorti tiddikjara illi artikolu partikolari (art 534AF) tal-KAP 9 tal-Liġijiet ta' Malta "*ma jipprovdix ghal mekkanizmu indipendenti sabiex jigi mistharreg minn awtorita' indipendenti bhal Qorti, specjalment meta ikun hemm allegat intellegence, illi Qorti tiddetermina jekk xi haga tikkostitwix intelligence u/jew materjal tal-kaz li titqies li hija evidenza ammissibbli, izda thalli f'idejn il-Pulizija u/jew l-Avukat Generali illi jiddeterminaw dak li jikkostitwixxi prova ammissibbli o meno meta huma partijiet interessati fil-kawza kontra l-istess*

*esponent qua akkuzat u ghaldaqstant meta jsir tali determinazzjoni hemm vested interest car li jwassal ghal kunflitt t'interess u konsegwentement lezjoni tad-dritt fundamentali tal-esponent kif sancit fl-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kif sancit ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ghaliex ma tigix salvagwardjata l-parita` tal-armi u bhala konsegwenza d-dritt ta' smiegh xieraq."*

Il-Qorti tqis għalhekk illi r-rikorrent stess jidher illi qiegħed jikkonċedi illi dak illi għamlet il-Prosekuzzjoni huwa fil-parametri tal-ligi kif inhi, iżda hija l-liġi illi qegħda tikkreja l-problema/lanjanza illi huwa qiegħed jilmenta minnha. Huwa għalhekk illi qiegħed jitlob id-dikjarazzjoni ta' din il-Qorti fis-sens illi dak li ma tgħidx il-liġi jew dak li ma tipprovdix għalih il-liġi qiegħed jikkreja preġudizzju għar-rikorrent.

F'talba ta' din in-natura, għandu jkun paċifiku jingħad illi huwa l-Avukat tal-Istat illi għandu jirrispondi.

Però, kif qalet din il-Qorti diversament preseduta fil-każ **Cecilia Josephine Depasquale et v. l-Avukat tal-Istat et**[11]:

> *"Huwa minnu li r-rikorrenti qegħdin jattakaw leġislazzjoni mgħoddija mill-Istat u huwa minnu wkoll li fi proċeduri ta' natura kostituzzjonali huwa l-Istat li jġorr ir-responsabbilta' għall-ksur ta' drittijiet fundamentali tal-parti leża u jwieġeb direttament għall-istess.*
>
> *Madankollu, l-konsegwenzi ta' tali kawża jistgħu jaffetwaw direttament lill-istess intimata. Infatti kif ingħad fil-ġurisprudenza suesposta, in-natura tar-rimedju imfittex mis-sidien tal-proprjeta' f'kawżi simili jista' jwassal għat-tnissil ta' nteress ġuridiku f'terzi persuni privati li potenzjalment jiġu milquta b'tali rimedju jekk il-każ kostituzzjonali jkollu eżitu favorevoli għar-rikorrenti.*

Il-Qorti tqis illi dan l-insenjament, ghalhekk maghmul f'kuntest ta' kawza kostituzzjonali b'fatti speci kompletament diversi ghal din tal-llum, huwa applikabbli hawnekk ukoll.

Il-Qorti tqis illi l-eżitu ta' dawn il-proċeduri jista' jkollhom effett dirett fuq il-proċeduri penali *de quo*, u in kwantu hekk, ċertament illi l-interess tal-Kummissarju tal-Pulizija u tal-Avukat Ġenerali qiegħed hemm. In kwantu illi l-prosekuzzjoni fil-każ *de quo* hija mmexxija mill-intimati msemmija tagħmel l-interess tal-istess intimati f'dawn il-proċeduri wieħed reali.

[11] 6/2020MH - deċiża fl-20 ta' Mejju 2022

Huwa għalhekk illi l-Qorti tqis illi l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali ġew ġustament mħarrka f'dawn il-proċeduri u sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.

## <u>Il-proponibilità tal-azzjoni odjerna</u>

Għalkemm dan il-punt ma ġiex sollevat mill-intimati, din il-Qorti tqis li qabel ma tgħaddi għal deċiżjoni dwar il-mertu, hija għandha qabel kollox tqis il-proponibilità ta' din l-azzjoni. Materja, tqis din il-Qorti, ta' ordni pubblika. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fid-digriet tagħha fil-proċeduri 1342/23TA fl-atti ta' mandat ta' sekwestru 1978/2023 fl-ismijiet Aġenzija tas-Sistema ta' Infurzar Lokali vs Sonia Vella[12]

> *Bħala punt ta' importanza legali, irid ukoll jiġi puntwalizzat li kwistjonijiet ta' natura proċedurali huma ta' ordni pubbliku u li ebda Qorti ma tista' titbiegħed lill-hinn minn dak li trid il-proċedura (Ara Sentenza fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni -vs- Medairco Ltd deċiża fil-11 ta' Novembru 2011).*

Jirriżulta li qabel ma ntavola dawn il-proċeduri, ir-rikorrent, permezz ta' rikors fl-atti tal-kawża fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Omar Zammit) vs Jomic Calleja Maatouk (Kump. Nru. 123/2020), datat 14 ta' Marzu 2022, kien talab lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex issir referenza kostituzzjonali fuq il-punti mressqa fl-istess rikors. Din il-Qorti fliet l-istess rikors u tinnota li r-raġunijiet hemm kontenuti u l-binarji li fuqhom saret it-talba tar-rikorrent dakinhar kienu proprju l-istess bħal dawk li għandha quddiemha l-Qorti llum permezz tal-proċeduri odjerni, u ċjoè:

1. Illi r-rikorrent għandu jingħata l-informazzjoni kollha peress li llum-il ġurnata hu qed jaffaċja akkużi kriminali kontrih wara li ġiet provduta ċertu *intelligence;*

2. Illi għalhekk ir-rikorrent qiegħed jiġi ppreġudikat fid-difiża tiegħu;

3. Illi r-rikorrent m'għandux l-opportunità jqis x'inhu rilevanti o meno minn l-*intelligence* u li tali determinazzjoni qed issir mill-Pulizija stess li għandhom interess fil-kawża;

[12] 11 ta' Dicembru 2023

4. Illi r-rikorrent la darba ma jafx x'inhi l-*intelligence* lanqas jista' jikkontesta l-mod kif din inġabret jew jekk kinitx fil-fatt korretta;

5. Illi tali aġir jaf ikun ta' preġudizzju għall-istess drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq stante li m'hemmx parita tal-armi bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża.

Jirriżulta li permezz tad-Digriet tagħha fl-atti tal-kawża fuq ċitata tal-24 ta' Marzu 2022 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fir-rigward tat-talba għar-referenza kostituzzjonali b'digriet eżawrenti u għal kollox motivat waslet għas-segwenti konklużjoni:

> *"Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet ġa magħmulha rigward l-ewwel talba tal-imputat, il-Qorti filwaqt illi tiddikjara li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali ssollevata mill-imputat rikorrenti fir-rikors tiegħu tal-11 ta' Marzu, 2022, hija* ***semplicìment frivola u vessatorja***[13] *għall-finijiet w effetti kollha tal-Artikolu 46(3) sabiex issir ir-referenza minnu mitluba fl-istess rikors lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili w tordna l-prosegwiment tal-kawża"*

Il-Qorti tinnota illi fil-premessi tiegħu, (senjatament para 6 u 7), ir-rikorrent jagħmel aċċenn għal dan billi jiddikjara illi jemmen illi l-materja mhix frivola u vessatorja anke jekk il-Qorti tal-Maġistrati ddikjarat hekk. Il-Qorti għalhekk tifhem illi r-rikorrent kien ben konxju mid-digriet li kien mogħti, ben konxju illi t-talba tiegħu ġiet dikjarata frivola u vessatorja, imma nonostante dan, huwa deherlu illi kellu jmexxi bl-odjerni proċedura.

Il-Qorti tosserva l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Alan Mifsud et v. Avukat Ġenerali et** deċiża fit-23 ta' Novembru 1990, fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *"Is-sentenza li minnha sar, dan l-appell waqt li kkunsidrat illi skond l-art. 46(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta:*
>
> *"Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja" qalet effettivament li r-rikors tar-*

[13] Emfażi tal-Qorti

*rikorrent ma jikkostitwixxi appell mid-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ta' Maġistrati tant illi:*

*"din il-Qorti ma tistax tordna r-revoka jew riforma ta' dik id-deċiżjoni li hija inapplellabbli, din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tat-talba u tagħti rimedju jekk ikun il-każ, dejjem fil-limiti preskritti, billi din il-Qorti skond id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla ta' rimedji biex tiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem";*

*Bid-dovut rigward għal dik l-Onorabbli Qorti din il-pożizzjoni ma tantx hija sodisfaċenti;*

*Qiegħed infatti jingħad illi:*

*(a) l-Ordinanza tal-Qorti tal-Maġistrati li ddikjarat li l-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti hija frivola u vessatorja, hija inappellabbli;*
*(b) illi konsegwentement il-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża;*
*(c) illi l-kwistjoni materja ta' dan ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili hija l-kwistjoni identika sollevata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u dddikjarata frivola u vessatorja;*
*(d) illi minħabba din l-inappellabbilita` l-Prim' Awla ma tistax tordna r-revoka u r-riforma ta' dik id-deċiżjoni;*
*(e) illi dik l-Onorabbli Qorti, pero tista tieħu konjizzjoni tar-rikors u tagħti rimedju, dejjem fil-limiti preskritti, billi dik il-Qorti għandha diskrezzjoni wiesgħa fl-għażla tar-rimedju biex tassigura l-protezzjonijiet tad-drittijiet fundamentali;*

*Dawn il-ħames prepożizzjonijiet ma jistgħux joqogħdu flimkien. Jekk il-kwistjoni sollevata hija frivola u vessatorja u l-Qorti tal-Maġistrati korrettament ordnat il-prosegwiment tal-kawża quddiemha (prepożizzjonijiet (a) u (b)) – tant illi l-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ma tistax tirrevoka jew tirriforma dik id-deċiżjoni (prepożizzjoni (d)) - allura fuq l-istess kwistjoni (proposizzjoni (ċ), ma huwiex possibbli li dik l-Onorabbli Qorti tikkontempla rimedji fejn m'hemmx – ex admissis – kwistjoni għaliex mhux possibli li tikkonsidra rimedji għal problema li hija frivola u vessatorja, ċjoe ma hija problema xejn;*

*Il-Qorti tifhem illi "frivola" riferibbilment għall-kwistjoni Kostituzzjonali li tiġi sollevata quddiem xi qorti – barra l-Qorti*

*Kostituzzjonali jew il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili – tfisser li dik il-kwistjoni hija, ta' ebda preġja jew valur, vana, nieqsa mis-serjeta, manifestament nieqsa mis-sena, li ma jistħoqqilhiex attenzjoni; waqt li "vessatorja" tfisser li l-kwistjoni ġiet sollevata mingħajr raġunijiet suffiċjenti u bl-iskop li ddejjaq u tirrita lill-kontroparti;*

*Iż-żewġ konċetti kienu diġa ġew akkwisiti fl-ordinament tagħna qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1964. Difatti l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għall-każijiet ta' appelli fiergħa u vessatorji nkwantu* ***frivoli*** *u* ***fiergħa*** *huma ġuridikament ta' l-istess portata. Waqt li l-artikolu 223 jorbot iż-żewġ kwalifiki – fiergħa u vessatorji – l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jpoġġihom f'pożizzjoni alternattiva.*

*Issa biex jiġi rispettat il-vot ta' l-artikolu 45 subinċis (5) tal-Kostituzzjoni, irid jiġi assikurat illi deċiżjoni ta' qorti kompetenti li tgħid li xi kwistjoni kostituzzjonali sollevata quddiemha hija frivola u/jew vessatorja mhux soġġetta għall-appell, ma tiġi aġġirata u effettivament annullata,* ***indirettament****;*

*L-ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi l-Qorti tal-Maġistrati assigurat il-prosegwiment tal-kawża, bis-saħħa ta' l-inappellabbilita` tad-deċiżjoni tagħha li l-kwistjoni sollevata kienet frivola u vessatorja. Imma dan mhuwiex biżżejjed, jekk kemm -il darba wara rikors bħall-preżenti, fuq* ***l-istess materja,*** *fuq* ***kwistjoni identika****, jkun hemm il-possibilita` li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew din l-istess Qorti Kostituzzjonali ma taqbilx ma' dik id-deċiżjoni, u taddotta xi rimedju – li bilfors u neċessarjament jinċidi fuq il-kawża li tkun għadha għaddejja jew tkun ġiet konkluża, quddiem il-Qorti li tkun ħadet id-deċiżjoni ta' frivolezza jew vessatorjetal u kull rimedju li jista' jingħata neċessarjament u inevitabbilment jimplika mhux biss riforma imma revoka sostanzjali jew mhux formali, ta' l-ewwel deċiżjoni* ***għaliex din kienet sempliċement l-esklużjoni ta' kwalsiasi rimedju****;*

*Il-Qorti tifhem li l-pożizzjoni proċedurali korretta li nħolqot bil-provvedimenti kostituzzjonali hija fis-sens illi kull persuna li waqt xi proċediment quddiem xi qorti – li mhix il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali – jidhrilha li qamet xi kwistjoni kostituzzjonali li – dik il-persuna trid tagħżel – jew li tipproċedi permezz ta' rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti*

> *Ċivili jew billi tissolleva l-kwistjoni sabiex dik il-Qorti tibgħat l-istess quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili. Meta tingħażel din it-triq ta' riferenza, il-persuna tkun qiegħda effettivament tinkorri r-riskju proċedurali li dik il-Qorti tiddeċidi li l-kwistjoni tieqaf hemm jekk tiġi kkonsiderata frivola jew vessatorja. Altrimenti d-disposizzjonijiet kostituzzjonali proċedurali, fir-rigward, ma jistax ikollhom sens u konsistenza. Di fatti l-kwistjoni preżenti sollevata mir-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati – ġiet effettivament eżaminata minn tliet qrati – mill-Qorti tal-Maġistrati, mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u minn din il-Qorti Kostituzzjonali. – Dan imur kontra l-prinċipju fundamentali tas-sistema tagħna li hija bbażata fuq żewġ gradi ġurisdizzjonali u li tippermetti biss it-tielet eżami fil-kamp ristrett tar-ritrattazzjoni. U l-kontro sens proċedurali jirrikaċċja aktar meta jiġi kkonsiderat illi qed jingħata triplu eżami għall-materja li l-liġi lanqas ma tikkonċedilna d-doppju eżami normali inkwati l-materja hija frivola u/jew vessatorja;*
>
> *Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tikkonferma d-dikjarazzjoni li hemm fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li t-talbiet tar-rikorrenti huma mingħajr ebda bażi legali inkwantu jidhrilha li r-rikorrenti ma kellu ebda dritt li jipproċedu permezz ta' rikors li l-kontenut tiegħu kien jirrigwarda l-istess kwistjoni kostituzzjonali li l-Qorti tal-Maġistrati kienet iddikjarat frivola u vessatorja u wisq anqas jinterponu dan l-appell li huwa in effett fieragħ u vessatorju.*

Dan it-tagħlim ġie kkonfermat ukoll riċentament fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **L-Avukat Dr Anthony P Farrugia v. Financial Intelligence Analysis Unit u l-Avukat tal-Istat** deċiża fil-25 ta' Ottubru 2023 fejn il-Qorti kkonkludiet is-segwenti:

> *23. Evidenti li l-leġislatur ma riedx jagħti dritt ta' appell fejn deċiżjoni taħt l-Art. 46 tkun iddikjarat li t-tqanqil ta' kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja. Għalhekk m'għandux ikun li wara r-rikorrent jagħmel talba identika billi minflok jiftaħ kawża kostituzzjonali, fejn ovvjament ser jerġa' jiġi eżaminat il-punt. Dik il-materja ġiet determinata b'mod defenittiv fl-istadju meta r-rikorrent talab lill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) sabiex tordna referenza ai termini tal-Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni u Art. 4 tal-Kap. 319. Ir-raġunament li*

> *għamlet il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) meta ċaħdet it-talba tar-rikorrent sabiex tordna referenza, fiha nnifisha turi li dik il-qorti kkunsidrat it-talba bħala "sempliċement frivola jew vessatorja" (Art. 46(3) tal-Kostituzzjoni)."*

Tajjeb jingħad illi l-Qorti Kostituzzjonali f'dan il-każ ikkonfermat il-motivazzjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti tas-17 ta' Ottubru 2022 meta qalet hekk:

> *"Din il-kawża nfetħet wara li l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'digriet tagħha tal-4 ta' Marzu 2021 ċaħdet talba għal riferenza għaliex qisitha intempestiva, frivola u vessatorja. In vista tal-ftuh tal-proċedura quddiem din il-Qorti, l-Onorabbli Qorti tal-Appell bi provvediment mogħti fis-17 ta' Novembru 2021 issoprassjediet pendenti l-eżitu tal-proċeduri preżenti. Il-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) u l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.*
>
> *L-ewwel li sejra tiġi ttrattata hi l-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU għaliex jekk tiġi milqugħa ma jkunx hemm għalfejn tinstama' l-eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.*
>
> *L-ewwel eċċezzjoni tal-FIAU hi li ladarba l-Qorti tal-Appell iddikjarat l-ilment frivolu u vessatorju, ir-rikors promotur ta' din il-kawża huwa irritu u null. L-FIAU iċċitat sentenza, mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali, fl-ismijiet Alfred Attard v. Avukat Ġenerali fis-6 ta' Mejju 1992. Dik is-sentenza stabbiliet li meta parti tħoss li jkollha kwistjoni ta' natura kostituzzjonali f'Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla jew il-Qorti Kostituzzjonali, il-parti tista' jew tiftaħ kawża quddiem din il-Prim'Awla nkella tqajjem il-kwistjoni quddiem il-Qorti li tkun qiegħda tisma' l-kawża u titlob riferenza għal din il-Qorti. Jekk il-Qorti li tkun tisma' l-kawża tiddeċiedi li l-kwistjoni hija waħda frivola jew vessatorja, il-parti ma tistax imbagħad tiftaħ kawża fuq kwistjoni li tkun materjalment u intrinsikament konnessa mal-mertu tal-każ pendenti quddiem il-Qorti ordinarja, għaliex, jekk tagħmel hekk, effettivament dik il-parti tkun qiegħdha tappella mid-deċiżjoni tal-Qorti ordinarja li l-kwistjoni hija frivola jew vessatorja.*
>
> *Fil-proċedura preżenti, huwa proprju dan li qiegħed jistieden ir-rikorrent lil din il-Qorti biex tagħmel.*

> *Għal dan il-motiv, din il-Qorti m'għandha l-ebda triq oħra għajr li tiddikjara r-rikors promotur irritu u null."*

Din il-Qorti m'għandha xejn x'iżżid ma dan l-insenjament ħlief li tagħmlu tagħha. Minn qari tar-rikors fuq ċitat tal-14 ta' Marzu 2022 fejn ir-rikorrent talab li ssir referenza kostituzzjonali u mir-rikors promotur li bih nbdew dawn il-proċeduri jirriżulta li l-materja hija l-istess u li l-kwistjoni hija waħda identika. Għalhekk din il-Qorti tħoss illi m'għandiex tqis u tippronunċja ruħha dwar il-mertu tal-proċeduri odjerni stante li diġà ġew ddikjarati frivoli u vessatorji fid-digriet tal-24 ta' Marzu 2022 tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja li permezz tiegħu ġiet miċħuda t-talba għal referenza kostituzzjonali.

**Illi għalhekk din il-Qorti ser tiċħad r-rikors tar-rikorrent u tiddikjarah irritu u null.**

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi;**

**a) tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-intimati, u**

**b) tiċħad it-talbiet billi tiddikjara r-rikors promotur irritu u null.**

**Bl-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-istess rikorrent.**

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**